MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-1 ta' Marzu, 2023

Appell Inferjuri Numru 100/2022 LM

**Christopher Mifsud (K.I. 278082M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Giana G Limited (C 30831)**
*('is-soċjetà appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Christopher Mifsud (K.I. 278082M)**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fit-22 ta' Lulju, 2022 [minn issa 'id-deċiżjoni appellata'], fejn it-Tribunal ikkonkluda li ma kien hemm l-ebda terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent minn mas-soċjetà intimata **Giana**

**G Limited (C 30831)** [minn issa 'is-soċjetà appellata'], u li kien ir-rikorrent li minn jeddu ma rrappurtax aktar għax-xogħol.

## <u>Fatti</u>

2. Ir-rikorrent spjega li huwa kien impjegat mas-soċjetà intimata fuq kuntratt indefinit bħala *yacht master* mill-1 ta' Lulju, 2014, u f'dan ir-rwol huwa kellu salarju *gross* ta' €42,000 fis-sena. Ir-rikorrent qal li tul il-kors tal-impjieg tiegħu huwa dejjem qeda dmiru b'mod tajjeb, tant hu hekk li s-soċjetà intimata kienet anki naqqsitlu l-perijodu tal-*probation.* Qal iżda li tul il-kors tal-impjieg tiegħu nqalgħu kwistjonijiet finanzjarji għaliex huwa ma bediex jitħallas is-salarju tiegħu, ma kienx jitħallas għall-ispejjeż inkorsi minnu minkejja li kien jippreżenta l-irċevuti relattivi għall-ispejjeż li kien jagħmel, u huwa baqa' ma tħallasx għal xogħol żejjed li kien għamel, bil-konsegwenza li kellu jieħu passi legali sabiex jitħallas dak li fil-fehma tiegħu kien dovut lilu. Qal ukoll li f'Awwissu 2017 huwa ngħata struzzjonijiet mis-soċjetà intimata sabiex ma jitlgħax aktar fuq il-jott bl-isem Giana G, u għalhekk huwa kien iddepożita ċ-ċwievet tal-istess jott taħt l-awtorità tal-Qorti sabiex jeżimi ruħhu minn kull forma ta' responsabbilità fuq dan il-jott. Qal li huwa però żamm iċ-ċwievet tal-*pontoon* A, u baqa' jmur fuq dan il-*pontoon* għaliex qatt ma twaqqaf milli jagħmel dan, kif ukoll għaliex ried iżomm għajnejh fuq dak li kien qiegħed jiġri. Ir-rikorrent qal li huwa kien għadu impjegat tas-soċjetà intimata sal-11 ta' Diċembru, 2017, iżda fis-16 ta' Jannar, 2018 is-soċjetà intimata unilateralment infurmatu li l-impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat b'effett *back-dated* għall-21 ta' Lulju, 2017. Ir-rikorrent qal li r-raġuni mogħtija mis-soċjetà intimata għat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu mhijiex veritiera, għaliex huwa kien ingħata struzzjonijiet biex ma

jitlgħax aktar fuq il-jott, u huwa kien qiegħed ifittex lis-soċjetà intimata għall-ispejjeż u x-xogħol imwettaq minnu fil-kors tal-impjieg tiegħu u għall-benefiċċji li kien legalment intitolat għalihom, u għal xogħol straordinarju li sar abbord. Qal ukoll li l-impjieg tiegħu ma ġiex itterminat f'Lulju tal-2017 iżda fis-16 ta' Jannar, 2018, u mhux minnu li kien hu li abbanduna l-post tal-impjieg tiegħu. Ir-rikorrent qal li l-impjieg tiegħu ma ġiex itterminat *ai termini* tal-liġi.

3. Is-soċjetà intimata fir-risposta tagħha qalet li t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda, għaliex dawn ma tressqux entro t-terminu ta' erba' xhur kif jitlob l-artikolu 30 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll għaliex il-pretensjonijiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż billi ma kien hemm l-ebda tkeċċija inġusta.

**<u>Mertu</u>**

4. Fid-dikjarazzjoni tal-fatti ppreżentata mis-soċjetà intimata, din qalet li l-pagi, taxxi u kontribuzzjonijiet kollha dovuti lir-rikorrent tħallsu lilu fl-intier tagħhom sad-data tat-terminazzjoni tal-impjieg, u bejn il-partijiet qatt ma kien hemm xi forma ta' ftehim dwar "xogħol żejjed" li jagħmel riferiment għalih ir-rikorrent fit-talba tiegħu. Qalet ukoll li r-rikorrent ipprova jiżgwida lit-Tribunal meta għamel riferiment għall-messaġġ telefoniku li rċieva mingħand wieħed mill-ex-diretturi tas-soċjetà intimata sabiex ma jitlgħax aktar fuq il-jott, mingħajr ma ta l-kuntest sħiħ li fih intbagħat dak il-messaġġ. Is-soċjetà appellata qalet li r-rikorrent arresta l-jott mingħajr ma qatt ressaq xi forma ta' ilment bil-miktub dwar l-allegazzjonijiet tiegħu qabel ħa din il-miżura drastika. Qalet ukoll li r-rikorrent bl-aktar mod irresponsabbli ddepożita ċ-ċwievet tal-jott fir-

Reġistru tal-Qorti, mingħajr ebda tentattiv biex jirritorna l-istess ċwievet lis-sid, bl-iskop li jagħmel pressjoni fuq is-soċjetà intimata sabiex iċċedi għat-talbiet tiegħu. Is-soċjetà intimata qalet li kien hemm ukoll nuqqas ta' koperazzjoni da parti tar-rikorrent meta kien hemm tentattiv għal laqgħa mal-avukat tiegħu sabiex is-soċjetà intimata tifhem x'inhuma l-pretensjonijiet tiegħu. Is-soċjetà intimata qalet li kien minħabba f'dan l-aġir, u l-fatt li r-rikorrent qata' kull forma ta' komunikazzjoni mas-soċjetà intimata, li ġie stabbilit li r-rikorrent abbanduna l-post tax-xogħol tiegħu. Is-soċjetà intimata qalet ukoll li kien hemm drabi oħra meta r-rikorrent kiser l-obbligi tiegħu taħt il-kuntratt ta' impjieg, billi fost l-oħrajn tella' persuni abbord mingħajr l-awtorizzazzjoni tas-sid, u kellha tintalab l-assistenza tal-Pulizija abbord il-jott wara rapporti ta' vjolenza domestika da parti tar-rikorrent, b'dannu għar-reputazzjoni tal-jott. Is-soċjetà intimata qalet ukoll li l-pożizzjoni li kien jokkupa r-rikorrent tirrikjedi fiduċja speċjali kemm fil-persuna kif ukoll fil-ħila tagħha li taqdi dmirijietha, liema fiduċja r-rikorrent ma jimmeritax.

5. Permezz ta' deċiżjoni preliminari mogħtija mit-Tribunal fid-19 ta' Frar, 2019, ġie deċiż li l-eċċezzjoni preliminari sollevata mis-soċjetà intimata, għandha tiġi miċħuda għaliex it-Tribunal ma kienx konvint li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent seħħet f'Lulju tal-2017.

6. Flimkien mar-rikors promutur, ir-rikorrent ippreżenta kopja tal-kuntratt ta' impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata, kopja tal-FS3 u l-FS7 għas-sena 2016, ittra li permezz tagħha d-direttur tas-soċjetà intimata kien irrakkomanda li l-perijodu ta' *probation* tar-rikorrent jitnaqqas għal tliet xhur minn ħames xhur hekk kif dan wera li kien impjegat eżemplari, kopja ta' messaġġ telefoniku li

rċieva r-rikorrent u li permezz tiegħu ntalab ma jitlgħax aktar fuq il-jott, kopja tal-*employment history* tar-rikorrent, kif ukoll kopja ta' ittra tal-JobsPlus fejn din ikkonfermat it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent, bir-raġuni mogħtija tkun li dan abbanduna l-post tax-xogħol.

7. Quddiem it-Tribunal Industrijali ġie eżebit l-inkartament tal-proċeduri li saru quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili dwar l-arrest tal-jott, kif ukoll kopji tal-mandati ta' arrest tal-jott Giana G, l-ewwel wieħed ippreżentat fil-21 ta' Lulju, 2017, u l-ieħor ippreżentat fl-20 ta' Lulju, 2018, maħruġa fuq talba tar-rikorrent.

8. **David Borg** xehed li huwa kien direttur tas-soċjetà intimata bejn l-2010 u l-2017, u qal li l-jott in kwistjoni kien ġie minn Riposto, fejn sar xogħol ta' manutenzjoni fuqu, u kien hemm perijodu ta' sena fejn ma kien hemm ħadd abbord fuqu biex jieħu ħsieb il-manutenzjoni ordinarja tiegħu, sakemm imbagħad ġie ingaġġat ir-rikorrent sabiex iwassal il-jott Malta. Spjega li kienu ntefqu ħafna flus sabiex il-jott jinġieb f'kundizzjoni li seta' jiġi *chartered,* u f'dan il-perijodu l-jott ġie *chartered* darba għal perijodu ta' tliet ġimgħat. Ix-xhud qal li sakemm huwa kien direttur tas-soċjetà intimata, ir-rikorrent tħallas dak kollu li kien dovut lilu. Qal li f'dawn is-seba' snin kien hemm *charter* wieħed biss tal-jott li kienet irmunkat il-Birgu. Spjega li r-rikorrent ġie ingaġġat bħala kaptan sabiex iżomm il-jott fi stat ottimu sabiex jekk is-sidien ikunu jridu jagħmlu użu minnu jew tinqala' l-opportunità li jiġi *chartered,* il-jott ikun jista' jaħdem. Qal ukoll li kien hemm xi affarijiet ta' manutenzjoni straordinarja li kien hemm bżonn isiru, u għal dan il-għan kienu ġew ingaġġati xi konsulenti, iżda dawn kellhom jaħdmu taħt il-kontroll tal-Kaptan Mifsud, li kellu struzzjonijiet ċari biex jieħu ħsieb il- manutenzjoni ordinarja, kellu *petty cash* biex jieħu ħsieb jixtri l-

bżonnijiet, u fejn jidħlu affarijiet ta' ċertu valur, dan kien obbligat jagħmel talba lid-direttur tal-kumpannija sabiex jawtorizza ċertu nfiq li kellu jsir. Ix-xhud qal li kien hemm drabi meta r-rikorrent ħareġ bil-jott sabiex jagħmel xi testijiet bih, iżda *charter* kien hemm wieħed biss. Qal ukoll li huwa sar jaf mingħand terzi li r-rikorrent għamel arrest fuq il-jott, u dak iż-żmien huwa pprova jitkellem mar-rikorrent sabiex jistabbilixxi għal liema raġuni dan kien sar. Ix-xhud qal li huwa kien ta struzzjonijiet lir-rikorrent biex ma jitlgħax aktar fuq il-jott, kemm fl-interess tiegħu bħala direttur responsabbli mill-jott, kif ukoll fl-interess tar-rikorent stess, sabiex jekk jinqala' xi ħaġa ħadd ma seta' jgħid li dan kellu aċċess għall-jott. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, ix-xhud qal li kienet is-soċjetà intimata li kellha l-obbligu li ġġib iċ-*charters,* imma li r-rikorrent kien imwiegħed *commission* f'każ li jirnexxielu jġib iċ-*charters* hu.

9. Is-soċjetà intimata ppreżentat diversi dokumenti quddiem it-Tribunal, fosthom kopja tal-mandat kawtelatorju ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar numru 1078/2017, il-provvediment tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Lulju, 2018 u l-kontro-mandat relattiv, iċ-ċedola ta' depożitu tat-2 ta' Mejju, 2019 wara l-mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar numru 1184/2018, il-garanzija bankarja maħruġa mill-Bank of Valletta plc, il-kontromandat relattiv, id-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn ġiet ordnata n-notifika, ir-risposta ta' Christopher Mifsud, u l-prova li t-talba tas-soċjetà intimata għar-revoka tal-mandat ġiet milqugħa. Ġiet esebita wkoll kopja tal-ittra uffiċjali tas-soċjetà intimata kontra r-rikorrent sabiex dan jersaq għal-likwidazzjoni u għall-ħlas tad-danni, kif ukoll kopji ta' tliet *survey reports* li saru, tnejn mill-inġinier Kurt Gutteridge u l-ieħor mill-inġinier Andrea Pezzini fir-rigward tal-jott in kwistjoni, liema rapporti jelenkaw nuqqasijiet fil-manutenzjoni u fiż-żamma tal-jott fi stat ottimu. Ġew

esebiti wkoll traskrizzjonijiet ta' depożizzjonijiet li ngħataw quddiem il-Prim'Awla, prinċipalment l-RPC 3056 Saviour Zerafa, u l-inġiniera Andrea Pezzini u Kurt Gutteridge.

10. **RPC 3056 Zerafa** ppreżenta kopja ta' rapport li kien sar fl-Għassa ta' Bormla, fejn Iona Bezzina allegat li waqt li kienet abbord il-jott Giana G*,* is-sieħeb tagħha Christopher Mifsud ipprova jifgaha. Dan ir-rapport kien fih dettalji oħra dwar inċident ta' vjolenza domestika li r-rikorrent kellu mas-sieħba tiegħu, liema inċident seħħ abbord il-jott.

11. **L-inġinier Pezzini** fix-xhieda tiegħu qal li l-jott in kwistjoni ma kienx qed jinżamm fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, u minn dak li seta' jara ma kinitx qegħda ssir manutenzjoni ordinarja fuqu.

12. **L-inġinier Gutteridge** min-naħa tiegħu xehed li huwa għandu kumpannija ta' konsulenza teknika, u li fost affarijiet oħra jagħmlu *surveys* ta' jottijiet u bastimenti. Qal li waqt laqgħa li huwa kellu mal-Kaptan Mifsud, dan kien żvela li ma kienx qiegħed jingħata l-finanzjament meħtieġ sabiex ikun jista' jagħmel ċertu xogħol ta' manutenzjoni fuq il-jott. Ix-xhud qal li huwa tela' abbord il-jott diversi drabi, fosthom f'Mejju, Ġunju, u darbtejn f'Lulju tal-2017, u għamel spezzjonijiet varji qabel ħejja rapport dwar il-kundizzjoni tal-jott. Qal li kien hemm drabi meta inzerta lir-rikorrent preżenti, u kien hemm drabi meta dan kellmu għaliex kien inkwetat dwar xi affarijiet li xtaq li jagħmel abbord, u x-xhud qal li kien jipprova jagħtih l-assistenza meħtieġa kollha mil-lat tekniku. Qal li kien jidher li kienet qegħda tiżviluppa kwistjoni mas-sidien tal-jott, kemm mil-lat finanzjarju kif ukoll fir-rigward ta' fiduċja. Ix-xhud semma li kien hemm

problema ta' *drydocking* li suppost kellha ssir qabel, iżda baqgħet ma saritx, u qal li bħala kumpannija huma elenkaw numru ta' *jobs* essenzjali li kellhom isiru ladarba l-jott jinħareġ mill-ilma. Qal li dawn ix-xogħlijiet kienu meħtieġa sabiex iċ-ċertifikazzjoni ta' *commercial yacht* tibqa' valida, kif ukoll għal raġunijiet ta' sigurtà. Ix-xhud qal li l-funzjoni ta' kaptan hija li jikkoordina x-xogħlijiet li jkunu meħtieġa, u li hija prassi komuni li meta ma jkunx hemm *charters* ta' dgħajjes bħal dawn fix-xhur tax-xitwa, il-kaptan jieħu ħsieb jagħmel ix-xogħol ta' manutenzjoni hu.

13. Ir-rikorrent fix-xhieda tiegħu spjega li huwa beda fl-impjieg mas-soċjetà intimata fl-1 ta' Lulju, 2014, u r-rwol tiegħu kien ta' kaptan fuq *sailing boat* ta' 25.9 metri. Qal li skont il-kuntratt tax-xogħol tiegħu, huwa kellu jaħdem erbgħin siegħa fil-ġimgħa, iżda hu ta' spiss kien jaqbeż dawn is-sigħat minħabba li fuq il-jott suppost li kien hemm erba' *crew members* ingaġġati, imma spiċċa kien ingaġġat huwa waħdu. Qal ukoll li huwa kien jitqabbad jagħmel xogħol ta' manutenzjoni straordinarja, u kien hemm ħafna xogħol involut għaliex minn dgħajsa privata s-sidien riedu jaqilbuha f'dgħajsa kummerċjali, u riedu li din tiġi *chartered.* Ir-rikorrent spjega li dan kien jinvolvi ħafna aktar xogħol fuq is-sigurtà tad-dgħajsa. Qal li minflok ġew ingaġġati aktar nies biex jaħdmu fuq id-dgħajsa, huwa kien mistenni li jagħmel dan ix-xogħol waħdu. Qal ukoll li meta huwa kien jiġbor *quotation* tal-prezz tax-xogħol u s-sidien kien jidhrilhom li din tkun għolja, kienu jitolbu lilu biex jagħmel ix-xogħol hu, u minkejja li huwa kien jiġi mwiegħed ħlas addizzjonali għal dan ix-xogħol, dan il-ħlas baqa' ma sarx. Ir-rikorrent qal ukoll li huwa kien jagħmel ħafna qadi bil-vettura privata tiegħu, u minkejja li s-sidien kienu jwegħduh ħlas tal-*fuel,* dan il-ħlas baqa' ma sarx. Ir-rikorrent qal ukoll li huwa qatt ma qala' twissijiet jew ilmenti fir-rigward tax-xogħol li kien

jagħmel. Qal ukoll li huwa bagħat diversi *emails* fejn fakkar lill-esponenti tas-soċjetà intimata li huwa kellu jiġbor l-ħlasijiet dovuta lilu, iżda ma kien hemm l-ebda risposta f'dan ir-rigward, sakemm jum fost l-oħrajn huwa rrapporta għax-xogħol fuq il-jott, u rċieva messaġġ mingħand ċertu David Borg, li għal xi żmien kien direttur tas-soċjetà intimata, li qallu biex ma jitlgħax aktar fuq il-jott. Ir-rikorrent qal li wara dakollu huwa għamel sentejn mingħajr impjieg, bil-konsegwenza li tilef il-proprjetà tiegħu, li huwa kellu jbiegħ għal prezz ferm anqas milli kienet tiswa. Ir-rikorrent qal li dan kollu ġara għaliex is-soċjetà intimata naqset milli tħallsu dak dovut lilu.

14. Waqt udjenza sussegwenti, ir-rikorrent ippreżenta kopja tal-*log book* tal-jott, minn fejn jirriżulta li dan ma kienx fil-port bejn it-12 ta' Lulju, 2016 sat-3 ta' Settembru, 2016. Qal li fuq jott ta' dak it-tul suppost ikun hemm erba' membri tal-ekwipaġġ, iżda fix-xhur tax-xitwa huwa kien ikun impjegat waħdu fuqu, għalkemm eventwalment ġew ingaġġati tnejn min-nies li ma kinux kwalifikati, u li kienu jirrifjutaw li jagħmlu ċertu xogħol abbord, bir-riżultat li ċertu xogħol kien jispiċċa jagħmlu hu.

15. Ir-rikorrent ippreżenta wkoll kopja ta' prospett tad-danni u infiq li sar minnu rigward il-Giana G, flimkien ma' għadd ta' irċevuti għal oġġetti mixtrija minnu, u kopja tal-*istatement* tal-kont tal-bank tiegħu personali. Ir-rikorrent ippreżenta wkoll dokumentazzjoni li tindika il-perijodi li matulhom huwa ma tħallasx is-salarju li kien dovut lilu.

16. Ir-rikorrent ippreżenta wkoll nota fejn elenka l-ammonti ta' kumpens li ippretenda li jiġi llikwidat favur tiegħu mit-Tribunal abbażi tat-tkeċċija inġusta

mill-impjieg, inkluż l-ammont ta' €18,900 f'*overtime* għall-perijodu bejn it-12 ta' Lulju, 2016 u l-4 ta' Settembru, 2016; tliet xhur paga li ma tħallasx tagħhom għall-perijodu bejn Ġunju u Awwissu tal-2017, ammontanti għal €9,000; sitt xhur paga għaż-żmien li r-rikorrent kien għadu reġistrat bħala impjegat tas-soċjetà intimata meta kellu struzzjonijiet biex ma jitlgħax fuq il-jott, in vista tad-dewmien da parti tas-soċjetà intimata sabiex tintavola l-inkartament relattiv mal-Aġenzija JobsPlus, matul liema perijodu r-rikorrent la seta' jsib xogħol u lanqas japplika għall-benefiċċju tal-*unemployment,* u li jammontaw għal €18,000; imgħaxijiet u *charges* imposti mill-Bank of Valletta talli r-rikorrent spiċċa f'sitwazzjoni fejn ma setax jagħmel il-pagament mensili relatat mal-faċilità bankarja kellu, ammontanti għal €20,000; l-ammont ta' €340,000 f'telf li r-rikorrent inkorra meta kellu jbiegħ il-proprjetà tiegħu bi prezz li huwa anqas mill-valur stmat mill-perit; €90,000 talli r-rikorrent tilef l-impjieg tiegħu inġustament u kien mingħajr impjieg għal perijodu ta' sentejn u nofs; kumpens ta' €10,000 talli huwa kien imġiegħel jagħmel użu mill-vettura tiegħu fuq il-premessa li kellu jiġi kkumpensat għad-*diesel* kif ukoll għall-ħin u għall-ispejjeż relatati mal-vettura tiegħu; €41,000 għal xogħol addizzjonali li r-rikorrent kellu jagħmel u li ma kienx jaqa' taħt il-*job description* tiegħu, fosthom żebgħa, *teak repairs, engine services, generator services,* ħasil tal-jott, tisjir, *laundry,* responsabbilità għal ekwipaġġ li ma kienx imħarreġ, u *accounts* fost l-oħrajn; 10% *commission* taċ-*charter contracts* ammontanti għal €27,500; *leave* li naqas li jieħu għal perijodu ta' tliet snin u li jammonta għal €7,200; u *overtime* li r-rikorrent ma tħallasx għalih u li jammonta għal €48,750.

17. **Dr Gianclaudio Gregori** xehed li huwa s-sid tal-jott, u l-uniku direttur tas-soċjetà intimata kien David Borg. Huwa qal li waqt żjara f'Malta ma' żewġ

inġiniera, kienu saru diskussjonijiet dwar fejn l-aħjar li jsir ix-xogħol ta' manutenzjoni meħtieġ fuq il-jott, jekk hux Malta jew Sqallija. Dan ix-xhud qal li kien sorpriż meta sar jaf li fuq il-jott kien hemm mandat ta' arrest, u li huwa kellu jħallas €25,000, u sussegwentement sar jaf li l-jott reġa' ġie arrestat.

18. Ġiet esebita wkoll kopja tas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Christopher Mifsud *vs.* Giana G. Limited** fit-18 ta' Marzu, 2021, fejn il-Qorti llikwidat ħlas komplessiv ta' €2,335.50 favur ir-rikorrent bħala arretrati ta' paga u rifużjoni ta' *petty cash,* wara li l-pretensjonijiet l-oħra kollha tar-rikorrent ma ġewx milqugħa.

19. **Joseph Saliba** in rappreżentanza tal-Aġenzija JobsPlus, xehed li r-raġuni mogħtija fid-dikjarazzjoni tat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent, hija "*abandoned place of work*". Ix-xhud qal li d-dokument dwar it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent wasal għand JobsPlus fl-2018, iżda d-data tat-terminazzjoni tal-impjieg tmur lura għall-2017.

## <u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>

20. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-12 ta' Lulju, 2022, it-Tribunal iddeċieda li ma kien hemm l-ebda terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent, iżda kien ir-rikorrent innifsu li ma marx aktar għax-xogħol, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"**Fatti fil-qosor tal-każ***
>
> *Ir-rikorrent kien ġie ngaġġat mas-soċjetà intimata fuq bażi indefinita bħala* 'yacht master' *mill-1 ta' Lulju, 2014 b'paga ta' €42,000 fis-sena gross. Ir-rikorrent qed jallega li nqalgħu kwistjonijiet finanzjarji fl-istess sena li r-rikorrent ma kienx qed jitħallas il-*

*paga dovuta u allegatament lanqas ta' spejjeż ta' xogħol ulterjuri li kien għamel ir-rikorrent. Fl-istess ħin għaddejjin proċeduri legali rigward dan il-fatt quddiem il-Qrati kompetenti. Skont ir-rikorrent, dan wassal biex f'Awwissu 2017, is-soċjetà tatu struzzjonijiet biex ma jitlax aktar fuq il-vapur Giana G. Insegwitu, permezz ta' ċedola ta' depożitu numru 1330/17 fl-ismijiet Christopher Mifsud vs Giana G Ltd, ir-rikorrenti ddepożita ċ-ċwievet tal-bastiment Giana G taħt l-awtorità tal-Qrati għaliex, skont ir-rikorrent ried jeżimi ruħhu minn kull forma ta' responsabbilità fuq l-istess vapur. Sadanittant ir-rikorrent żamm ċavetta tal-puntun A u baqa' jmur fuq l-istess puntun għaliex qatt ma ġie mpedit milli jagħmel dan biex, skont ir-rikorrent iżomm għajnejh miftuħin fuq x'qed jiġri. Ir-rikorrent jgħid ukoll li sal-1 ta' Diċembru, 2017, ir-rikorrent kien għadu reġistrat bħala impjegat tas-soċjetà. Sussegwentement fis-16 ta' Jannar, 2018 is-soċjetà intimata tterminat l-impjieg tar-rikorrent, iżda s-soċjetà ddikjarat li ġie tterminat fil-21 ta' Lulju, 2017 bir-raġuni "Abbanduna l-post tax-xogħol."*

*Min-naħa tagħha s-soċjetà tinsisti li ma kienx hemm tkeċċija iżda abbandun tal-post tax-xogħol u li l-pagi tar-rikorrent, it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali relattivi tħallsu fl-intier tagħhom sad-data tat-terminazzjoni tal-impjieg, u la hemm, u la qatt kien hemm ftehim ieħor bejn il-partijiet, la bil-miktub u lanqas bil-fomm, dwar "xogħol żejjed". Is-soċjetà qed tallega wkoll li r-rikorrent qabad u arresta l-bastiment Giana G għall-għarrieda, mingħajr ma qatt għamel imqar ilment wieħed bil-miktub dwar l-allegazzjonijiet tiegħu; kif ukoll iddepożita ċ-ċwievet fir-reġistru tal-Qorti mingħajr ma l-ewwel ittenta jirritorna l-istess ċwievet lis-sid, biex is-soċjetà ċċedi għar-rikatt tar-rikorent. B'dan l-aġir u billi qata' kull kuntatt, is-soċjetà qed tallega li abbanduna l-post tax-xogħol, kif ukoll tella' abbord persuna/persuni mingħajr l-awtorizzazzjoni tas-soċjetà, tant li ntalbet l-għajnuna tal-pulizija segwenti ta' rapporti ta' vjolenza li servew ta' danni għar-reputazzjoni tas-soċjetà.*

*Minkejja kollox is-soċjetà talbet li preliminarjament it-talbiet jiġu miċħuda minħabba li l-każ ma kienx ġie intavolat 'entro termini'.*

...

***KONSIDERAZZJONIJIET***

*It-Tribunal ried jistabbilixxi jekk it-terminazzjoni tar-rikorrent minn mas-soċjetà intimata kinitx ġusta.*

*Tenut kont ta' tnax-il fatturi miġjuba bi provi waqt is-smigħ tal-każ ċioe:-*

*Li r-rikorrent kien ingaġġat fuq bażi full-time, b'kuntratt indefinit bħala "Yacht Master";*

*Li f'Awwissu 2017 ingħata struzzjonijiet biex ma jitlax fuq il-jott;*

*Li permezz ta' ċedola ta' depożitu numru 1330/17 ir-rikorrent iddepożita ċ-ċwievet tal-bastiment taħt l-Awtorità tal-Qorti għax ried jeżimi ruħhu minn kull forma ta' responsabbilità fuq l-istess jott;*

*Li żamm iċ-ċwievet tal-puntun A u baqa' jmur hekk għax ma kienx impedut milli jagħmel dan u biex iżomm taħt għajnejh xi jkun qed jiġri;*

*Li d-direttur tas-soċjetà intimata ma kienx jaf min arresta l-jott u meta sar jaf li kien il-kaptan, ċioe r-rikorrent, stiednu kif soltu jagħmel biex jiltaqgħu u jiddiskutu xi problemi li seta' kellu;*

*Li r-rikorrent għall-ewwel aċċetta, iżda wara qallu li se jkollu avukat jakkumpanjah;*

*Li d-direttur qallu li la se jġib avukat, huwa se jagħmel l-istess u qallu wkoll li sakemm jiltaqgħu u jiddiskutu ma jitlax fuq il-jott, l-istess jott li r-rikorrent innifsu arresta;*

*Li r-rikorrent fil-fatt ma laqax din l-istedina u qatt ma mar biex jiltaqa' u jiddiskuti l-problemi li kellu mad-direttur minkejja li kien baqa' miegħu li se jmur;*

*Li s-soċjetà rreġistrat lir-rikorrent f'Jannar 2018 mal-JobsPlus li l-impjieg tar-rikorrent kien ġie fi tmiemu b'lura f'Lulju 2017;*

*Li r-rikorrent skopra li ġie tterminat fil-fatt, meta minn jeddu mar il-JobsPlus biex jara l-Employment History tiegħu fi Frar 2018, fejn dakinhar sar jaf bid-data ta' Lulju tas-sena ta' qabel;*

*Li meta ntqal lir-rikorrent biex ma jitlax fuq il-jott, intqal lilu hekk mid-Direttur tas-soċjetà sakemm jiltaqgħu biex jiċċaraw x'diżgwid kien hemm.*

*Li r-rikorrent qatt ma mar għal din il-laqgħa.*

***DEĊIŻJONI***

*Dan it-Tribunal ġie mitlub biex jara jekk it-telfien ta' impjieg tar-rikorrent kienx għal raġuni inġusta jew le. Mill-provi li ġew imressqa r-rikorrent kien ilu jippretendi diversi ħlasijiet addizzjonali u pagi b'lura dovuti lilu mingħand is-soċjetà u allura ħass li għandu jirrikorri għal mandat ta' arrest kawtelatorju tal-jott li fuqu kien jaħdem. Il-liġi tagħti dan id-dritt bid-diversi mandati kawtelatorji biex wieħed proprju jikkawtela l-interessi tiegħu fl-eventwalità li wara li tinfetaħ kawża, jew tkun diġà nfetħet, skont il-każ, u din tinqata' favorih, ikun jista' jieħu dak li jkun ġie deċiż li ħaqqu skont il-liġi.*

*Ir-rikorrent għamel eżatt hekk u arresta l-vapur li fuqu kien jaħdem. Minkejja li kellu kull dritt jagħmel hekk, dan l-arrest fil-fatt irrenda l-post tax-xogħol tiegħu inutli. Hawn allura, ġustament is-soċjetà tallega li dan ifisser "*implied resignation*" kif anke*

*jitkellem fit-tul fuq dan is-suġġett Selwyn. Selwyn jgħid ukoll li l-minuta li tirrendi l-impjieg tiegħek ineżistenti hija 'implied resignation.'*

*Iżda dan it-Tribunal jinnota wkoll li kif ġraw l-affarijiet is-soċjetà fl-ebda ħin ma dehret li qed tipprova tkeċċi jew ittemm l-impjieg tar-rikorrent b'inizjattiva tagħha. Jidher li kien hemm diżgwid fuq ħlasijiet, pagi jew pretensjonijiet, iżda xorta jibqa' l-fatt li s-soċjetà ma aġixxietx b'tali mod li riedet tittermina l-impjieg tar-rikorrent. Meta d-direttur sar jaf li l-jott ġie arrestat ma kienx jaf li r-rikorrent ċjoe l-kaptan stess kien li arrestah. Meta kkuntattjah wera biċ-ċar li ma kienx hemm intenzjoni ta' tpattija jew li ried jitterminah. Altru minn hekk stiednu biex jiltaqgħu u jiddiskutu u jekk inhu possibbli jirranġaw id-diżgwid. Issa l-fatt li l-jott kien diġà arrestat u wara din it-telefonata jirċievi messaġġ mingħand ir-rikorrent fejn jgħidlu li se jkun akkumpanjat b'avukat, minkejja li l-assistenza ta' avukat ma tnissilx terrur, hija xi ħaġa minn ewl id-dinja li wieħed jeħodha li se jkun hemm ċerta nuqqas ta' familjarità li normalment ikun hemm kieku ltaqgħu waħedhom. Huwa wkoll ħaġa minn ewl id-dinja li d-direttur iwieġeb li allura se jkollu huwa wkoll avukat jassistih, la r-rikorrent hekk kien se jagħmel.*

*Għal dan it-Tribunal, id-direttur aġixxa bl-aktar mod responsabbli meta qallu biex ma jitlax fuq il-jott, aktar u aktar meta mill-provi joħroġ ċar li din ma kellhiex tkun l-aħħar inkontru, iżda fażi ta' stennija sakemm il-laqgħa ssir. Għal dan it-Tribunal, il-fatt li l-istedina baqgħet tgħodd u ma ġietx ikkanċellata wara li ħarġu l-istruzzjonijiet biex ma jitlax fuq il-jott huwa ċar li ma kienx hemm terminazzjoni jew intenzjoni ta' terminazzjoni f'moħħ id-direttur, u allura s-soċjetà tiġi eżentata minn kull akkuża li riedet titterminah. Kieku kien il-każ li riedet titterminah lanqas biss ma kienet tagħmel l-istedina. Ukoll il-fatt li toħroġ ordni biex ma jitlax fuq il-jott, f'dak il-waqt kruċjali fejn għandek il-post tax-xogħol arrestat, u allura arrestat għal kulħadd, inoperabbli għal kulħadd, u fil-frattemp ir-rikorrent jgħid li se jkun akkumpanjat minn avukat, liema deċiżjoni ħaseb wara fuqha, minkejja l-id ta' ħbiberija li kienet ġiet offruta lilu, għal dan it-Tribunal id-direttur għamel sew li ssalvagwardja lilu nnifsu u sew lir-rikorrent billi qallu biex ma jitlax fuq il-jott, l-istess jott li ġie ridott inoperabbli.*

*Hawnhekk it-Tribunal jixtieq jiċċara li mhux daqstant li l-fatt li l-jott ġie arrestat, għax il-liġi ttik id-dritt li ddur għal mandat kawtelatorju, erħilha li l-assi li ġew miżmuma għall-kawtela nzerta l-post innifsu tax-xogħol, iżda t-Tribunal jara sinifikanti ħafna n-nuqqas ta' rieda min-naħa tar-rikorrent li minkejja li rċieva stedina biex jiddikutu dak li kien qed idejqu, dan baqa' ma marx. Ma marx għax ma riedx imur u mhux għax intqal lilu biex ma jitlgħax fuq il-jott, tant li fuq il-puntun baqa' jmur. Intant, li jekk ngħidu aħna persuna tkun taħdem f'uffiċċju jew f'fabbrika u ma jmurx biex jiltaqa' ma' ta' fuqu biex jiddiskutu xi kwistjoni li setgħet inqalgħet, u jgħidulu biex fl-uffiċċju*

*tiegħu ma jidħolx, dan ma jfissirx li tkeċċa mix-xogħol. Mill-banda l-oħra jekk dan il-ħaddiem jibqa' ma jidħolx fil-binja tax-xogħol tiegħu, iżda jmur kuljum ħdejn il-bini u jibqa' barra, ma jistax jippretendi li qed jidħol għax-xogħol.*

*Sinifikanti wkoll ix-xhieda li ta r-rikorrent fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2021 fejn fost il-pretensjonijiet tiegħu semma paga allegata dovuta lilu minn Awwissu 2017 sal-aħħar ta' Frar 2018 u dan għax ir-rappreżentant tal-JobsPlus, li xehed fl-istess seduta, qal li l-formola tat-terminazzjoni waslitilhom fi Frar 2018 u allura kien għalhekk li f'moħħ ir-rikorrent huwa kien għadu impjegat tant li ppretenda ħlas ta' paga għal dawn ix-xhur. Ir-rikorrent fl-istess seduta rrefera għal xhieda oħra li kien ta l-istess rappreżentant tal-JobsPlus fl-14 ta' Diċembru, 2017, fejn kien qal li r-rikorrent kien għadu jidher impjegat mas-soċjetà. Din ix-xhieda r-rikorrent fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2021, semmiha proprju biex jissustanzja li kellu aktar pagi dovuti lilu. Allura t-Tribunal ma jsib l-ebda diffikultà biex jikkonkludi li r-rikorrent ma seta' qatt jistrieħ fuq il-messaġġ li rċieva f'Awwissu 2017 biex ma jitlax fuq il-jott u jikkunsidraha bħala tkeċċija.*

*Għaldaqstant dan it-Tribunal fid-dawl ta' kif seħħew l-avvenimenti, ma jirriżultalux li kien hemm terminazzjoni min-naħa tas-soċjetà, iżda r-rikorrent innifsu ma marx aktar għax-xogħol.*

*B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol."*

**<u>L-Appell</u>**

21. Ir-rikorrent ħassu aggravat bid-deċiżjoni appellata, u ntavola appell minnha fit-22 ta' Lulju, 2022, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka, tħassar u tannulla d-deċiżjoni appellata fl-ismijiet premessi, u minflok tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tiegħu, u konsegwentement tillikwida kumpens ġust għat-terminazzjoni inġusta tal-impjieg tiegħu, filwaqt li tordna lis-soċjetà appellata tħallsu l-kumpens hekk likwidat fi żmien perentorju li jiġi stabbilit minn din il-Qorti.

22. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant qal li t-Tribunal naqas milli jidħol fl-elementi legali u neċessarji li jridu jiġu sodisfatti sabiex jiġi ppruvat li

impjegat abbanduna x-xogħol tiegħu jew ma marx għax-xogħol, bil-konsegwenza li t-Tribunal wasal għal din il-konklużjoni fuq elementi żbaljati jew ineżistenti, u li ma kellhom l-ebda piż jew rilevanza għall-istess deċiżjoni. Qal li t-Tribunal ma ħa l-ebda konjizzjoni tal-fatt li kienet is-soċjetà appellata stess li talbitu ma jitlgħax fuq il-jott, u li ma jistax jingħad li huwa abbanduna x-xogħol tiegħu meta l-aħħar ġurnata tiegħu fuq il-jott kienet dik il-ġurnata li fiha huwa rċieva messaġġ u ordni sabiex ma jitlgħax aktar fuq il-jott. L-appellant qal li f'it-Tribunal naqas milli jevalwa jekk kienx hemm abbandun tax-xogħol jew jekk ir-rikorrent naqasx milli jmur ix-xogħol kapriċċożament u mingħajr raġuni valida fil-liġi, u dan in-nuqqas wassal lit-Tribunal biex jagħti deċiżjoni żbaljata u mingħajr bażi legali. Qal li it-Tribunal kellu jistħarreġ jekk hemmx raġunijiet validi għar-rikorrent li ma jkunx fuq il-post tax-xogħol, xi ħaġa li t-Tribunal m'għamilx. L-appellant qal li t-Tribunal kellu jara jekk l-assenza tiegħu kinitx ġejja minn xi aġir da parti tiegħu, bħal insubordinazzjoni jew xi aġir negliġenti jew kapriċċuż, iżda naqas milli jagħmel dan. L-appellant qal illi li kieku t-Tribunal għamel dak li kien obbligat li jagħmel, ma kien jirriżulta xejn minn dan, għaliex mill-provi ġie ppruvat li l-*history* tar-rikorrent bħala impjegat tas-soċjetà intimata kienet waħda netta. Qal ukoll li huwa qatt ma kellu problemi ta' dixxiplina, tant hu hekk li kien tnaqqaslu ż-żmien tal-*probation* għaliex kien instab li huwa tajjeb f'xogħlu. L-appellant qal li fix-xhieda tiegħu huwa kkonferma wkoll li qatt ma ngħata *warnings* fix-xogħol tiegħu. L-appellant saħaq li s-soċjetà appellata ma kellha l-ebda raġuni għalfejn twaqqfu mix-xogħol ħlief għaliex huwa beda proċeduri ċivili fil-konfront tagħha biex jitħallas dak li huwa dovut lilu. L-appellant qal li ma ġiex ippruvat li kien hemm element ta' negliġenza grossolana jew aġir kapriċċuż, u s-soċjetà intimata ma allegatx li kien

hemm xi nuqqas da parti tiegħu, ħlief fl-aħħar meta minflok beda jdaħħal il-flus li kienu jispettaw lilu, spiċċa joħroġ il-flus minn ġewwa, u huwa ntavola mandat għall-arrest tal-jott biex jikkawtela d-drittijiet tiegħu.

23. L-appellant qal illi li kieku t-Tribunal indaga ftit, dan kien isib li kien hemm aktar minn raġuni waħda għalfejn huwa ma baqax imur fuq il-jott, fosthom il-fatt li huwa ma kienx qiegħed jitħallas il-paga, u ma kienx qiegħed jiġi rimburżat għall-ispejjeż li kien qiegħed jagħmel. Qal li huwa pprova jsolvi l-problema bil-kelma t-tajba kif ikkonferma Dr Gregori fix-xhieda tiegħu, u anki pprova jistenna u jikkorrispondi bil-miktub mas-superjuri tiegħu, iżda dan kien kollu ta' xejn. L-appellant staqsa jekk allura huwa kellux jibqa' idu f'idu u ma jagħmel xejn biex jieħu dak li ħaqqu. Qal li huwa ngħata struzzjonijiet mis-soċjetà appellata biex ma jitlgħax fuq il-jott. Żied jgħid li huwa ġie ngaġġat bħala kaptan, uffiċjal u membru tal-ekwipaġġ fuq il-jott Giana G, u huwa baqa' jipprovdi s-servizzi tiegħu sal-ġurnata li fiha huwa ġie ordnat jieqaf jitla' fuq il-jott wara li rċieva messaġġ elettroniku mingħand is-superjuri tiegħu. Qal li ladarba huwa ġie ordnat biex ma jitlghħax fuq il-jott, huwa ma setax jitqies li ma marx ix-xogħol, u kienet is-soċjetà intimata li waqqfitu milli jmur fuq il-jott għaliex ħadet għaliha bil-mandat t'arrest. Qal ukoll li huwa baqa' jmur fuq il-puntun sabiex iżomm il-jott taħt għajnejh, imma ma telax fuq il-jott għaliex kellu struzzjonijiet biex ma jagħmilx dan. L-appellant qal li t-Tribunal kellu bilfors jara x'kienu r-raġunijiet għal dan, u kien il-fatt li huwa ma kienx qiegħed jitħallas kif ukoll il-fatt li kellu ordni biex ma jitlgħax fuq il-jott li huwa naqas milli jagħmel dan, u dawn ir-raġunijiet għandhom jiskulpawh, għaliex ħadd m'għandu jiġi mġiegħel jaħdem għalxejn, u ħadd m'għandu jiġi ppreġudikat minħabba nuqqas li ġie impost fuqu mis-superjuri tiegħu.

24. It-tieni aggravju tal-appellant huwa li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra l-obbligi tas-soċjetà appellata bħala s-soċjetà li tħaddem lill-appellant, fosthom l-obbligu prinċipali li tħallas lill-impjegat tagħha, u dan mhux biss il-pagi iżda dak kollu li kien dovut lilu. L-appellant qal li bid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal implika li huwa kellu jibqa' jmur ix-xogħol mingħajr ma jitħallas, kunċett li huwa ma jifhimx u li l-liġi ma tippermettix, għaliex ħadd m'għandu jaħdem għal xejn. Qal li fejn impjegat mhux jirċievi l-paga dovuta lilu u għandu jieħu arretrati, dejjem tqies li hemm bażi tajba biex l-impjegat iwaqqaf ir-relazzjoni ta' xogħol li jkollu mal-prinċipal, għaliex l-ebda impjegat m'huwa mistenni li jaħdem b'xejn jew għal rimunerazzjoni nieqsa, kif sab ruħhu fiha hu. Qal ukoll li dan japplika għal xenarju fejn impjegat ma jibqax jirrapporta għax-xogħol għaliex ma jkunx qiegħed jitħallas, aħseb u ara f'sitwazzjoni bħal dik odjerna fejn kienet is-soċjetà appellata stess li ordnatlu biex ma jitlgħax fuq il-jott. L-appellant qal li minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta li t-Tribunal lanqas biss ipprova jidħol fil-kwistjoni dwar jekk l-appellant kienx qiegħed jitħallas jew le, bħallikieku dan ma kienx wieħed mill-elementi li wasslu biex jinħareġ il-mandat t'arrest tal-jott. Qal li t-Tribunal wasal għall-konklużjoni li s-soċjetà appellata ma riditx tkeċċih mix-xogħol għaliex kienet miftuħa għal djalogu, iżda jrid jingħad li l-aġir tagħha, inkluż il-fatt li ma kinitx qiegħda tħallsu, huwa ġest ferm akbar mill-fatt li din kienet lesta li tiddjaloga. Qal li meta impjegat jibqa' ma jitħallasx xahar wara xahar, u l-*commitments* finanzjarji ma jibdewx jintlaħqu, ikun hemm bżonn ta' azzjoni u mhux ta' diskussjonijiet. Qal ukoll li dak li ma rax it-Tribunal huwa li bl-aġir tagħha s-soċjetà appellata bagħtet messaġġ ċar lill-appellant li xogħlu kien spiċċa, billi ma ħallsitux dak li kien dovut, u billi ordnatlu ma jitlgħax fuq il-jott.

Qal li prinċipal li jridek tibqa’ impjegat miegħu, ma jordnalekx biex ma tmurx fuq il-lant tax-xogħol indefinittivament.

25. L-appellant qal ukoll li minn qari tas-sentenza wieħed malajr jasal għall-konklużjoni li s-soluzzjoni kienet fuq il-mejda, iżda fattwalment ma kienx hemm laqgħa għaliex it-Tribunal ikkonkluda li ma kienx hemm rieda tajba da parti tal-appellant li naqas milli jattendi għal-laqgħa. L-appellant qal li mhux minnu li huwa ma marx għad-diskussjonijiet u li ma ppruvax isib soluzzjoni bonarja għas-sitwazzjoni li sab ruħhu fiha, għaliex huwa kien preżenti għal laqgħat li saru sabiex jintlaħaq ftehim. Qal li anki s-soċjetà appellata tikkonferma li kien hemm diskussjonijiet, u għalhekk it-Tribunal ma setax jasal għall-konklużjoni li l-appellant ma marx għal-laqgħat, għaliex Dr Gregori nnifsu kkonferma li filli kien hemm diskussjonijiet bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim, u filli l-appellant intavola proċeduri kontra s-soċjetà appellata għall-ħlas. L-appellant qal li minn kliem ir-rappreżentant tas-soċjetà appellata, wieħed jista’ jasal għall-konklużjoni li huwa kien dispost li jiddiskuti, imma meta huwa ra li ma seta’ jasal imkien, intavola l-mandat ta’ arrest tal-jott. L-appellant qal li d-diskussjonijiet li saru ma kellhomx l-eżitu mixtieq minnu, u kien proprju għalhekk li huwa aġixxa fil-parametri li tagħtih il-liġi sabiex jipproteġi l-interessi tiegħu. Qal ukoll li anki li kieku ma kienx disponibbli li jiltaqa’ mas-soċjetà appellata, kull ma huwa ried kien li jitħallas ta’ xogħlu kif għandu kull dritt, u mhux li jiġi kkastigat għaliex ried flusu u mhux wegħdi li ma jwasslu imkien.

26. It-tielet aggravju tal-appellant huwa li t-Tribunal kien żbaljat meta ddikjara li bl-mandat ta’ arrest fuq il-jott, l-appellant irrenda l-post tax-xogħol tiegħu inutili u l-impjieg tiegħu ineżistenti, u li allura dan jekwivali għal *implied*

*resignation.* Qal li t-Tribunal jikkontradixxi lilu nnifsu għaliex f'mument minnhom jgħid li huwa kellu dritt jintavola l-mandat ta' arrest biex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, u fl-istess ħin jgħid li bl-istess mandat l-appellant irrenda xogħlu ineżistenti, u li dan l-aġir jammonta għal *implied resignation.* Qal li dan ifisser li għat-Tribunal mhux minnu li huwa kellu dritt jintavola mandat ta' arrest biex jieħu dak li huwa dovut lilu, għaliex il-mandat t'arrest intuża kontra tiegħu u serva bħala l-bażi biex it-Tribunal jiċħad it-talbiet tiegħu. Qal li dan huwa argument perikoluż li m'għandux jiġi aċċettat minn din il-Qorti, għaliex kull persuna li teżerċita dritt li għandha u li tagħtiha l-liġi, m'għandhiex tiġi ppenalizzata għal dan. L-appellant staqsa hu x'kien mistenni li jagħmel sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, u jekk kellux jibqa' jistenna *ad aeternum* sabiex xi darba jitħallas.

27. Ir-raba' aggravju tal-appellant huwa li t-Tribunal naqas milli jidħol fil-kwistjoni tal-kumpens u ta' x'inhu ġust li jitħallas lill-appellant fiċ-ċirkostanzi. L-appellant għamel riferiment għall-prospett ippreżentat minnu fejn elenka l-pretensjonijiet ta' kumpens li għandu, li jinkludu: xahrejn *overtime* inkluż il-*weekends* għall-perijodu ta' bejn it-12 ta' Lulju, 2016 u l-4 ta' Settembru, 2016, iġifieri 55 jum *overtime,* li jammontaw għal €18,900 nett; tliet xhur paga li ma tħallasx għalihom għall-perijodu bejn Ġunju u Awwissu tal-2017, ammontanti għal €9,000 nett; sitt xhur paga għaż-żmien li fih l-appellant kien indikat bħala impjegat tas-soċjetà appellata, meta kellu struzzjonijiet biex ma jitlgħax fuq il-jott u kien imkeċċi, ammontanti għal €18,000; l-imgħaxijiet u ċ-*charges* imposti mill-Bank of Valletta meta huwa spiċċa f'sitwazzjoni fejn ma setax jagħmel il-pagamenti mensili marbuta mal-faċilità bankarja li kellu, ammontanti għal €20,000; l-ammont ta' €340,000 li tilef l-appellant meta biegħ il-proprjetà

tiegħu malajr u ma setax ilaħħaq mal-pagamenti bankarji dovuti minnu; il-kumpens dovut lill-appellant talli huwa tilef l-impjieg tiegħu inġustament u kien mingħajr impjieg għal sentejn u nofs, ammontanti għal €90,000; kumpens ta' €10,000 talli l-appellant għamel użu mill-vettura tiegħu għal raġunijiet ta' xogħol; ħlas ta' €41,000 bħala kumpens għal xogħol addizzjonali li għamel l-appellant; €27,500 rappreżentanti 10% *commission* taċ-*charter contracts; leave* li ma tteħidx għal tliet snin u li jammonta għal €7,200; *overtime* li l-appellant qatt ma tħallas tiegħu u li jammonta għal €48,750. L-appellant qal li filwaqt li s-soċjetà appellata tikkontendi li ħafna mill-ammonti msemmija ma jaqgħux taħt il-kompetenza tat-Tribunal, din donnha tinsa li t-Tribunal għandu diskrezzjoni wiesgħa meta jagħti kumpens għal tkeċċija inġusta, u għandu kemm jista' jkun ipoġġi lill-impjegat fl-*istatus quo ante* qabel dan tkeċċa inġustament, u għalhekk jekk it-Tribunal iwarrab dawn iċ-ċifri, ikun qiegħed iċaħħad lill-appellant milli jitpoġġa fl-istess sitwazzjoni li kien fiha qabel ma tkeċċa, u dan bi żvantaġġ doppju għalih, l-iżvantaġġ li jitlef xogħlu mingħajr raġuni valida, u l-iżvantaġġ li ma jiġix ikkumpensat għal dan il-perijodu, bir-riperkussjonijiet kollha li din it-tkeċċija inġusta kellha fuqu u fuq ħajtu. Qal li dawn huma danni reali sofferti minnu, u huwa biss jekk jitħallas dak pretiż minnu li huwa jista' jitpoġġa fis-sitwazzjoni li kien fiha qabel it-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

28. Is-soċjetà appellata fir-risposta tagħha qalet li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija waħda ġusta u li timmerita konferma, u għalhekk l-appell intavolat mill-appellant għandu jiġi miċħud. Qalet li l-appell li sar bl-ebda mod ma sar fuq punti

ta' dritt, u huwa msejjes biss fuq fatti, u għalhekk l-aggravji kollha tal-appellant huma biss tentattiv fieragħ biex jattakka sentenza li ma tistax tiġi attakkata.

29. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellant, is-soċjetà appellata qalet li jidher ċar li t-Tribunal qara b'reqqa kbira t-traskrizzjonijiet tax-xhieda, partikolarment dik mogħtija minn David Borg fl-1 ta' Ottubru, 2019, fejn jirriżulta li s-soċjetà appellata mhux talli ma tterminatx l-impjieg tal-appellant, talli stednitu għal diskussjoni, iżda kien l-appellant li injora l-istedina tagħha. L-appellata qalet li t-talba li saret lill-appellant biex ma jitlgħax fuq il-jott, saret biss sakemm il-partijiet jitkellmu u jsolvu l-kwistjoni ta' bejniethom. Is-soċjetà appellata qalet li kien fl-interess taż-żewġ naħat li l-appellant ma jitlgħax abbord sakemm tiġi riżolta l-kwistjoni ta' bejniethom, u l-appellant, minflok attenda għal-laqgħa u tkellem, baqa' jinjora l-istedina li saritlu wara li kien arresta l-jott. Is-soċjetà appellata qalet li hija baqgħet disposta li tiddiskuti mal-appellant anki meta d-direttur tagħha kien jaf li l-appellant ipprova jarresta l-jott, u minn dan għandu jirriżulta li hija kienet *in buona fede* u ma kellha l-ebda intenzjoni li titterminalu l-impjieg. L-appellata qalet li t-Tribunal kien korrett meta kkonsidra li l-appellant ma marx għax ma riedx imur, u mhux għaliex kellu talba biex ma jitlgħax fuq il-jott, tant hu hekk li huwa baqa' jmur fuq il-puntun. Is-soċjetà appellata qalet li għalhekk il-konklużjoni tat-Tribunal li ma rriżultalux li kien hemm terminazzjoni min-naħa tas-soċjetà appellata, u li kien l-appellant li ma marx aktar għax-xogħol, hija ġustifikata u r-riżultat ta' evalwazzjoni korretta li għamel it-Tribunal. Qalet li għalhekk mhux minnu li t-Tribunal m'għamilx evalwazzjoni ta' x'wassal għall-abbandun tal-post tax-xogħol, jew li dan abdika minn dak li kellu jagħmel.

30. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, is-soċjetà appellata qalet li dan huwa purament imsejjes fuq il-fatti, u m'hemm l-ebda punti legali f'dan l-aggravju. Qalet li l-appellant dejjem kien jitħallas, xi drabi anki mill-*beneficial owner,* u anke qabel ma l-paga tiegħu kienet tkun dovuta, kif ikkonferma d-direttur David Borg fix-xhieda tiegħu. Qalet ukoll li l-appellant diġà ressaq għadd ta' pretensjonijiet f'dan ir-rigward quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Qalet li minkejja dan, hija xorta waħda baqgħet disposta li tiltaqa' mal-appellant u titkellem miegħu dwar dak li kien qiegħed idejqu, u kien l-appellant li naqas milli jpoġġi magħha u jispjegalha r-raġunijiet għall-pretensjonijiet tiegħu. Is-soċjetà appellata qalet li m'hemmx dubju li anki f'għajnejn it-Tribunal, l-imġiba tal-appellant tammonta għal *implied resignation,* għaliex meta ppreżenta mandat kontra l-jott li huwa stess jaħdem fuqu, irrenda l-impjieg tiegħu ineżistenti. Is-soċjetà appellata qalet illi l-appellant kellu l-għażla li jaqbad l-ishma tagħha jew li jissekwestra l-flus fil-banek, u b'dan il-mod l-appellant kien ikun qiegħed jikkawtela d-drittijiet tiegħu mingħajr ma jeqred il-post tax-xogħol tiegħu. Qalet li meta l-appellant arresta l-jott li kien jaħdem fuqu bħala kaptan, huwa kien qiegħed jaġixxi b'mod li wassal lis-soċjetà appellata tikkonkludi li huwa kien qiegħed jirriżenja impliċitament u jittermina l-kuntratt li kellu mas-soċjetà appellata bħala kaptan tal-jott tagħha, għaliex dan l-arrest ġab fix-xejn il-mansjonijiet tiegħu bħala kaptan tal-jott. Is-soċjetà appellata qalet li bħala konsegwenza tal-arrest, l-appellant la seta' jsalpa l-jott b'*charters,* la seta' joħroġ xi dawra fuq il-baħar bil-jott biex iħaddmu, u lanqas seta' jagħmel *sea trials* wara li jsiru riparazzjonijiet tekniċi sabiex jiġu ttestjati. Is-soċjetà appellata qalet li in vista tal-fatt li r-rwol tal-appellant fuq il-jott huwa dak ta' kaptan, isegwi li meta huwa arresta l-jott, kien qiegħed jeqred il-bżonn tax-xogħol

tiegħu stess, u bl-aġir tiegħu kien qiegħed jgħid lill-prinċipal li ma riedx jaħdem fuq il-jott. Qalet li kien l-appellant stess li bl-aġir tiegħu ttermina l-kuntratt ta' impjieg tiegħu. Żiedet tgħid li minkejja dan l-aġir tal-appellant, hija xorta waħda stednitu għal diskussjonijiet, u minkejja li l-aġir tal-appellant kien wieħed ħażin, hija xorta waħda riedet issewwi r-relazzjoni tax-xogħol miegħu. Is-soċjetà appellata qalet li għalhekk ma kien hemm l-ebda kontradizzjoni fid-deċiżjoni tat-Tribunal, għaliex dan innota li kien hemm *implied resignation,* b'riżultat tal-aġir irresponsabbli tal-appellant meta injora l-istedina li għamlitlu s-soċjetà appellata.

31. B'riferiment għar-raba' aggravju tal-appellant, is-soċjetà appellata qalet li dan l-aggravju wkoll għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu għaliex huwa bbażat fuq il-fatti, u la hu sorrett mill-provi u lanqas mid-dritt. Qalet li ħafna mill-pretensjonijiet tal-appellant ma jaqgħux taħt il-kompetenza tat-Tribunal imma tal-Qrati Ordinarji, u diġà kien hemm kawża deċiża kontra l-appellant f'dan ir-rigward.

32. B'riferiment għall-pretensjoni tal-appellant għall-ħlas ta' salarji, *overtime,* u *commissions,* kif ukoll għall-ġranet ta' *leave* li ma ttieħdux, is-soċjetà appellata qalet li dawn huma *money claims* li jaqgħu esklussivament taħt il-kompetenza tal-Qrati ordinarji. Qalet li f'każ li t-Tribunal jilqa' dawn it-talbiet, dan ikun qiegħed jaġixxi *ultra vires,* għaliex it-Tribunal m'għandux il-kompetenza li jisma' ilmenti dwar nuqqas ta' ħlasijiet ta' salarji u kumpens għal xogħol ieħor. Is-soċjetà appellata qalet li l-appellant ressaq pretensjonijiet identiċi f'kawża li fetaħ quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, u dawn it-talbiet ġew miċħuda fl-intier tagħhom, għajr għal ammont żgħir ta' €2,335.50. Qalet li l-appellant

qiegħed jagħmel *forum shopping,* u ladarba tilef il-pretensjonijiet imressqa minnu quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, l-appellant ittenta xortih quddiem it-Tribunal Industrijali, u meta ma ngħatax raġun hemmhekk huwa resaq quddiem din il-Qorti tal-Appell. Is-soċjetà appellata qalet li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tal-appellant għaliex qieset li dawn mhumiex ippruvati jew mhux dovuti, u ordnat biss li titħallas is-somma minima ta' €2,335.50 rappreżentanti arretrati ta' pagi u rifużjoni ta' *petty cash.*

33. Is-soċjetà appellata għamlet riferiment ukoll għall-artikolu 81(2) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u qalet li l-kumpens għal tkeċċija inġusta għandu jinkludi danni reali u telf li jkun bata l-impjegat li jiġi mkeċċi mingħajr kawża ġusta, u ċirkostanzi oħra li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal tal-impjieg ta' dak il-ħaddiem. B'riferiment għat-telf allegatament subit mill-appellant għaliex ma setax jonora l-obbligi finanzjarji tiegħu mal-bank, is-soċjetà appellata qalet li jrid jiġi ppruvat in-ness bejn it-terminazzjoni tal-impjieg u dawn iċ-*charges* li jgħid li weħel l-appellant, u qalet li kien hemm raġunijiet oħrajn li għalihom jaħti biss l-appellant, u għalhekk hemm element ta' kontributorjetà da parti tiegħu. Is-soċjetà appellata għamlet riferiment għad-drabi meta kienu l-benefiċjarji tal-jott li ħallsu lill-appellant dak li kien dovut lilu. Is-soċjetà appellata qalet li ġie ppruvat li sa minn qabel l-appellant waqaf jaħdem magħha, dan kellu problemi biex jonora l-obbligi li kellu mal-bank, u talab lill-*beneficial owner* biex jantiċipalu l-paga, u qalet li dan jista' jkun dovut għal għażliet li għamel f'ħajtu l-appellant jew l-istil ta' ħajja li kien jgħix. B'riferiment għat-talba ta' €340,000 pretiża mill-appellant, is-soċjetà appellata qalet li din it-talba hija waħda abbużiva, partikolarment għaliex l-appellant ma ressaq l-ebda dokumentazzjoni sabiex isostni din il-pretensjoni tiegħu. Qalet li jista' jkun li dan it-telf li jallega li

għamel l-appellant huwa dovut għall-fatt li qabad u biegħ, ma ppruvax inaqqas id-danni, ma fittix xogħol ieħor, ma ħax pariri legali kif ukoll kummerċjali siewja, u qabad u biegħ id-dar li kellu, u għal dan m'għandhiex twieġeb is-soċjetà appellata. Qalet li fi klima fejn il-prezzijiet tal-proprjetà qegħdin jiżdiedu minn xahar għal ieħor, huwa ferm inverosimili li l-appellant biegħ il-proprjetà tiegħu b'telf daqstant kbir għaliex tilef l-impjieg tiegħu. Qalet li m'hemm l-ebda ness bejn l-allegata tkeċċija inġusta u l-imsemmi allegat telf, u miċ-ċirkostanzi kollha tas-suq tal-proprjetà, jirriżulta bl-aktar mod manifest li kien l-aġir u l-kontribuzzjoni qawwija tal-appellant li wassal biex dan għamel telf ta' dik l-entità. Qalet ukoll li l-appellant ma ressaq l-ebda xhieda sabiex jikkonfermaw il-valur tas-suq tal-proprjetà tiegħu, u lanqas ma ressaq rappreżentanti tal-bank sabiex jikkonfermaw jekk kinitx ittieħdet xi azzjoni legali fil-konfront tiegħu.

34. B'riferiment għat-talba tal-appellant li huwa għandu jitħallas għaż-żmien kollu li ma kienx qiegħed jaħdem, is-soċjetà appellata qalet li huwa ferm inverosimili li kaptan ta' jott ma sabx jaħdem fi żmien meta l-jottijiet għaddejjin minn furur. Qalet li l-appellant għadu żgħir, f'saħħtu u m'għandu l-ebda impediment fiżiku biex jaħdem, u li kieku għamel ħiltu, f'sentejn u nofs sħaħ kien isib fejn jaħdem. Żiedet tgħid li mhux raġonevoli li persuna tiġi kkumpensata għal sentejn u nofs li għamlet mingħajr impjieg, meta din ma ġabet l-ebda prova ta' *interviews* li attendiet u ta' tentattivi oħra li għamlet biex issib xogħol. Is-soċjetà appellata qalet li filwaqt li l-appellant qiegħed jipprova jagħti l-impressjoni li huwa kien vittma, il-provi juru li huwa kien ittrattat tajjeb, partikolarment fid-drabi meta l-paga tiegħu kienet antiċipata sabiex seta' jlaħħaq mal-obbligi bankarji tiegħu. Is-soċjetà appellata qalet li fil-fatt ġie ppruvat li l-jott in kwistjoni ġie *chartered* darba waħda biss, u matul is-snin li l-

appellant kien kaptan ta' dan il-jott, dan tħalla fil-port ħlief għal darba waħda biss. Qalet li mill-provi jirriżulta li l-appellant ma kellu dritt għall-ebda *commission* għaliex dan ma ressaq l-ebda *charter* lejn is-soċjetà appellata. Qalet ukoll li mill-provi esebiti jirriżulta li l-appellant kien jgħix fuq il-jott flimkien mas-sieħba tiegħu, u għalhekk altru milli kien trattat ħażin kif jallega.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

35. Il-Qorti kkonsidrat fit-tul l-atti marbuta mal-proċeduri li wasslu għall-vertenza odjerna, partikolarment in vista tad-diversi allegazzjonijiet li jagħmel l-appellant fl-aggravji mressqa minnu. L-appellant jgħid li t-Tribunal naqas milli jagħmel evalwazzjoni korretta tal-provi miġjuba quddiemu, bir-riżultat għalhekk li dan wasal għal konklużjoni skorretta li kien l-appellant li abbanduna l-post tal-impjieg tiegħu, u mhux li kienet is-soċjetà appellata li tterminatlu l-impjieg. Deċiżjoni bħal din naturalment kellha l-implikazzjonijiet tagħha fuq il-kumplament tal-pretensjonijiet tal-appellant, speċjalment fir-rigward tal-kumpens li huwa jisħaq li huwa dovut lilu mis-soċjetà appellata, u huwa għalhekk li din il-Qorti ħassitha fid-dmir li tagħmel evalwazzjoni dettaljata tal-provi voluminużi li nġabu a konjizzjoni tat-Tribunal, sabiex tkun tista' tikkonsidra jekk għandhiex tiddipartixxi mill-konklużjonijiet li wasal għalihom it-Tribunal Industrijali f'dan il-każ.

36. In suċċint, l-appellant kien impjegat bħala *yacht master* fuq jott proprjetà tas-soċjetà appellata. Jirriżulta li għal diversi ġimgħat l-appellant kien qiegħed jivvanta pretensjonijiet ta' ħlas fil-konfront tas-soċjetà appellata bħala l-*employer* tiegħu, rigward xogħol ta' tiswija u manutenzjoni li huwa jgħid li

għamel foq il-jott u li għalih kellu jirċievi ħlas apparti l-paga u salarji li jgħid li huma dovuta lilu, kif ukoll kummissjonijiet għal *charters* tal-jott li huwa jgħid li kienu dovuta lilu u li baqa' ma tħallasx tagħhom. L-appellant kien għamel mandat ta' arrest fuq il-jott sabiex jikkawtela dawn il-pretensjonijiet tiegħu, u sussegwentement għall-arrest tal-jott, l-appellant intalab minn esponent tas-soċjetà appellata biex ma jitlgħax aktar abbord, u ntalab ukoll jattendi għal laqgħa mad-direttur tas-soċjetà appellata sabiex jiġi mistħarreġ jekk il-vertenza bejn il-partijiet setgħetx tiġi riżolta. Jirriżulta li l-appellant naqas milli jattendi għal din il-laqgħa, u f'Jannar tal-2018 huwa ġie infurmat mill-Aġenzija JobsPlus li l-impjieg tiegħu mas-soċjetà appellata ġie tterminat b'effett *back-dated* għal Lulju tal-2017.

*L-ewwel aggravju:* *[it-Tribunal naqas milli jidħol fl-elementi legali li jridu jiġu sodisfatti sabiex jiġi stabbilit li l-appellant abbanduna l-post tax-xogħol tiegħu]*

37. L-appellant jgħid li t-Tribunal wasal għall-konklużjoni li l-appellant abbanduna l-post tax-xogħol tiegħu fuq premessi żbaljati, u naqas milli jikkonsidra fatturi bħall-fatt li kienet is-soċjetà appellata li talbitu ma jitlgħax aktar fuq il-jott. L-appellant qal li t-Tribunal kellu jistħarreġ jekk in-nuqqas tiegħu li jitla' abbord kienx minħabba raġuni valida, jew inkella jekk dan sarx kapriċċożament, partikolarment in vista tal-*employment history* netta tiegħu bħala impjegat, u l-fatt li huwa qatt ma kellu problemi ta' dixxiplina. Qal li huwa twaqqaf milli jitla' abbord sempliċement għaliex beda proċeduri legali sabiex jitħallas dak li kien dovut lilu. Qal li r-raġuni għalfejn huwa ma baqax jitla' abbord kienet li ma kienx qiegħed jitħallas ta' xogħlu, u ma kienx qiegħed jiġi rifuż l-

ispejjeż, u staqsa jekk quddiem din is-sitwazzjoni huwa kellux jibqa' jistenna u ma jagħmel xejn.

38. Il-Qorti tibda billi tirrileva li minn qari tad-deċiżjoni tat-Tribunal, għandu jirriżulta li dan wasal għad-deċiżjoni tiegħu wara li qies il-provi kollha li kellu quddiemu, liema provi huma voluminużi u dettaljati. Anki din il-Qorti eżaminat dawn il-provi, mhux biex tissostitwixxi d-diskrezzjoni tat-Tribunal mad-diskrezzjoni tagħha, iżda sabiex tara jekk l-aggravji sollevati mill-appellant f'dan ir-rigward humiex ġustifikati. Il-Qorti tibda billi tosserva li s-sentenza tat-Tribunal hija waħda dettaljata, li għaraf jislet il-punti ewlenin li wasslu għall-vertenza odjerna bejn il-partijiet, u wara li għamel il-konstatazzjonijiet tiegħu, wasal għall-konklużjoni li l-impjieg tal-appellant ma ġiex itterminat mis-soċjetà appellata li kien jaħdem magħha, imma li kien hu bl-aġir tiegħu li abbanduna l-post tax-xogħol tiegħu. Il-Qorti tqis li mill-atti jirriżulta li l-appellant kien ilu jivvanta fil-konfront tas-soċjetà appellata diversi pretensjonijiet ta' ħlas li huwa kien jemmen li huma dovuti lilu. Mill-provi jirriżulta li kien hemm drabi meta l-appellant tħallas is-salarju tiegħu direttament mill-*beneficiary owner* tal-jott qabel iż-żmien, filwaqt li kien hemm *petty cash* li tħalla għad-dispożizzjoni tiegħu sabiex huwa jkun jista' jagħmel nefqiet żgħar ta' affarijiet li kellhom jinxtraw għall-jott. Jirriżulta wkoll li l-appellant ressaq diversi pretensjonijiet għal ħlas li ma kinux korroborati mill-provi, bħal ma huma per eżempju l-*commissions* għaċ-*charters* li suppost attira l-appellant, meta jirriżulta li fis-snin kollha li matulhom l-appellant kien il-kaptan tal-jott, kienet saret *charter* waħda biss bil-jott in kwistjoni. Jirriżulta wkoll li l-manutenzjoni ordinarja tal-jott kienet fost l-obbligi li jaqgħu fil-mansjonijiet tiegħu bħala kaptan tal-jott, u għalhekk l-appellant ma kellu l-ebda jedd jippretendi ħlasijiet żejda għal dan ix-xogħol li

huwa jgħid li għamel. Jirriżulta wkoll li tul is-snin kollha li matulhom l-appellant kien kaptan tal-jott, il-jott ġie *chartered* darba waħda biss, u għalhekk tqum waħedha l-mistoqsija dwar kif kien iqatta' l-ħin tiegħu l-appellant kif jitla' abbord, hekk kif jirriżulta mir-rapporti tal-inġiniera esebiti in atti, li l-jott ma kienx qiegħed jinżamm fi stat ottimu. L-appellant intavola mandat ta' arrest biex iżomm il-jott milli jkun jista' jbaħħar, u dan il-mandat intlaqa'. Jidher li s-sidien tal-jott u r-rappreżentanti tas-soċjetà appellata ma ngħataw l-ebda pre-avviż qabel ma ttieħed dan il-pass kemmxejn drastiku mill-appellant. Mill-provi jirriżulta li kien l-appellant, li meta kellu diversi għażliet quddiemu sabiex jassigura li jitħallas għal dak li huwa jippretendi li huwa dovut lilu, huwa għażel l-aktar miżura drastika fil-kamp marittimu, jiġifieri dak li jżomm il-jott in kwistjoni milli jitħalla jsalpa. It-Tribunal ikkonsidra li dan l-aġir tal-appellant ifisser ir-riżenja impliċita tiegħu mill-impjieg, għaliex b'dan l-aġir tiegħu l-appellant irrenda l-post tax-xogħol tiegħu ineżistenti.

39. Il-Qorti tqis li l-appellant kellu diversi għażliet għad-dispożizzjoni tiegħu, fosthom dawk li jipprovdi għalihom l-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta, il-qbid tal-ishma tas-soċjetà appellata, jew is-sekwestru tal-flejjes li din għandha ddepożitati. Huwa minnu li l-appellant kellu, fost l-għażliet għad-dispożizzjoni tiegħu l-għażla li jarresta l-jott, iżda din it-triq kellha l-effett legali li tirrendi l-post tax-xogħol tiegħu ineżistenti. Il-Qorti tqis li l-appellant seta' jipprevedi l-effetti u l-konsegwenzi legali ta' din l-għażla tiegħu. Ma jistax jitqies lanqas li kienet irraġonevoli t-talba tad-direttur tas-soċjetà appellata li għall-perijodu sakemm il-vertenza bejn il-partijiet tiġi riżolta, jitlob l-appellant ma jitlgħax fuq il-jott, u dan sabiex jiġu ssalvagwardjati l-jeddijiet kemm tal-appellant kif ukoll tas-soċjetà appellata. Kellu raġun għalhekk it-Tribunal jasal

għall-konklużjoni li l-imġiba tal-appellant kienet tammonta għal *self-dismissal* jew *implied resignation* min-naħa tiegħu. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għall-insenjament tal-awtur Norman Selwyn[1] dwar is-suġġett:

> "*However, it is submitted that there may be circumstances of implied resignation or resignation by conduct. Thus, if an employee disappears, and does not respond to the employer's communications, or if it is discovered that the employee is working for another employer, it may not be difficult to infer that he has resigned his employment. The point was made by Sir John Donaldson in* ***Harrison vs George Wimpey & Co. Ltd.*** *(1972) 7 ITR 188, NIRC):*
>
> *"Where an employee so conducts himself as to lead a reasonable employer to believe that the employee has terminated the contract, the contract is then terminated."*

40. Mill-provi jirriżulta li għad li kien l-appellant li arresta l-jott in kwistjoni, is-soċjetà appellata xorta waħda stiednet lill-appellant jattendi għal laqgħa sabiex tiġi mistħarrġa l-possibilità li l-kwistjonijiet bejn il-partijiet jiġu riżolti. Kien l-appellant li naqas li jattendi għal din il-laqgħa, u li għażel li jiddepożita ċ-ċwievet tal-jott taħt l-awtorità tal-Qorti, bir-riżultat li wassal lis-soċjetà appellata tinferixxi minn dan l-aġir li dan kien qiegħed jabbanduna l-post tax-xogħol tiegħu jew li dan kien qiegħed effettivament jirriżenja mill-impjieg, anki jekk b'mod impliċitu. Il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal f'dan ir-rigward, u għaldaqstant tqis illi l-ewwel aggravju tal-appellant mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[it-Tribunal naqas milli jikkonsidra l-obbligi tas-soċjetà appellata]*

[1] Norman Selwyn "Selwyn's Law of Employment", 19th Ed., Oxford University Press.

41. L-appellant qal li t-Tribunal żbalja wkoll għaliex effettivament dan naqas milli jikkonsidra l-obbligi tas-soċjetà appellata li tħallsu dak kollu li huwa dovut lilu, u sostna li t-Tribunal kien qiegħed jimplika li huwa kellu jibqa' jattendi għax-xogħol mingħajr ma jitħallas. Qal li ħadd m'għandu jkun mistenni li jaħdem għalxejn, u huwa għażel li jarresta l-jott proprju għaliex ma kienx qiegħed jitħallas. Qal li huwa mhux djalogu ried, iżda xi forma ta' azzjoni, għaliex kien ilu xhur jistenna li jirċievi dak li fil-fehma tiegħu kien dovut lilu, u ladarba d-diskussjonijiet li saru ma kellhomx l-eżitu mixtieq minnu, huwa aġixxa fil-parametri li tippermettilu l-liġi sabiex jissalvagwardja l-jeddijiet tiegħu.

42. Il-Qorti hija tal-fehma li lanqas dan l-aggravju m'huwa fondat, u dan għaliex minkejja l-proċess voluminuż li kellu t-Tribunal quddiemu, l-appellant naqas milli jipprova u milli jiġġustifika l-pretensjonijiet għall-ħlas vantati minnu. Fuq kollox imkien ma ngħad mit-Tribunal li l-appellant kellu jibqa' jmur ix-xogħol anki jekk ma kienx qiegħed jitħallas, u ċertament li l-ebda ħaddiem m'huwa mistenni li jagħmel dan. Dak li tosserva din il-Qorti huwa li minkejja li l-appellant kellu toroq oħra għad-dispożizzjoni tiegħu li kienu jkunu ta' inqas ħsara għas-soċjetà appellata, u finalment għall-interessi tiegħu nnifsu, huwa għażel li jmur għall-aktar miżura drastika, irrenda l-jott minn fejn kien jaqla' l-għajxien tiegħu qoxra tal-baħar li ma tista' ssalpa imkien, u poġġa lilu nnifsu u lill-kumpannija li kien jaħdem magħha f'sitwazzjoni diffiċli, kemm mil-lat ta' relazzjonijiet industrijali bejn il-partijiet, kif ukoll mil-lat finanzjarju. Ladarba l-appellant, fil-mansjoni tiegħu ta' kaptan tal-jott, arresta l-jott li kien jaħdem fuqu, dan ġab fix-xejn l-awtorità li huwa kellu u r-rwol importanti ferm li ġie fdat bih, elimina l-ħtieġa li fuq il-jott ikun hemm kaptan għaliex il-jott ma seta' jsalpa imkien u

jibqa' sorġut mal-puntun, u b'hekk ittermina huwa stess l-impjieg u r-rwol li kellu. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tielet aggravju:* *[it-Tribunal żbalja meta kkonsidra li kien hemm riżenja impliċita da parti tal-appellant]*

43. L-appellant isostni li t-Tribunal kien żbaljat meta kkonkluda li l-appellant, bl-aġir tiegħu stess, irrenda l-post tax-xogħol tiegħu null u ineżistenti. Qal li l-mandat ta' arrest tal-jott intuża kontra tiegħu, u serva bħala pretest biex it-Tribunal jiċħad it-talbiet kollha tiegħu, u saħaq li kull persuna li teżerċita l-jeddijiet tagħha m'għandhiex tiġi penalizzata għaliex tkun għamlet dan.

44. Hawnhekk ukoll il-Qorti tqis li l-appellant huwa żbaljat fl-argumentazzjoni tiegħu. A skans ta' ripetizzjoni, l-azzjoni tal-appellant ma kinitx maħsuba biss biex tikkawtela l-jeddijiet li huwa jippretendi li għandu, iżda wkoll biex tolqot lill-kumpannija li kienet timpjegah magħha b'tali mod li jġibha għarkobbtejha, għaliex bil-mandat ta' arrest dan il-jott kellu jitħalla sorġut mal-puntun, u la setgħu jsiru *trials* bih, la seta' jsalpa minn port għal ieħor u lanqas seta' jintuża għall-attività kummerċjali tas-soċjetà appellata. Ċertament li ħaddiem li jemmen li sofra tnaqqis fid-drittijiet tiegħu għandu dritt jissalvagwardja l-interessi tiegħu, imma l-interessi tal-appellant ma ġewx imħarsa meta hu, fil-kariga ta' kaptan, arresta l-istess jott li ried jaqla' l-għajxien tiegħu minnu. L-appellant seta', kieku ried, jirrikorri għal miżuri legali oħra biex iħares l-interessi tiegħu, iżda dan m'għamlux, u għażel li jirrikorri għall-miżura li biha effettivament ir-rwol ta' kaptan ġie fix-xejn, għaliex il-jott inżamm milli jsalpa. Il-Qorti għalhekk tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*Ir-raba' aggravju:* *[il-kwistjoni tal-kumpens]*

45. L-appellant jgħid li t-Tribunal naqas milli jidħol fil-kwistjoni tal-kumpens li għandu jitħallas lilu, u ta' x'inhu ġust li huwa jirċievi fiċ-ċirkostanzi. L-appellant qal li huwa kellu jitpoġġa fis-sitwazzjoni li huwa kien fiha qabel tkeċċa mill-impjieg.

46. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li ladarba hija qegħda tikkonferma l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal, jiġifieri li l-appellant ma tkeċċiex mill-impjieg, iżda kien hu li rrenda lilu nnifsu mingħajr impjieg, *self-dismissal* jew *implied resignation,* ma kien hemm l-ebda kumpens li t-Tribunal kellu jillikwida. Fuq kollox iżda, irid jingħad li l-kwistjoni tal-kumpens li l-appellant jikkontendi li huwa dovut lilu mis-soċjetà appellata, diġà ġiet deċiża fil-proċeduri mibdija minnu fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, u dik il-Qorti diġà tat id-deċiżjoni tagħha f'dan ir-rigward, wara li qieset li l-parti l-kbira tal-pretensjonijiet tal-appellant huma infondati. Jirriżulta wkoll li dik is-sentenza hija suġġetta għal appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Superjuri). F'dan l-istadju din il-Qorti tgħid biss li l-appellant naqas li jipprova fuq liema bażi qiegħed isejjes il-pretensjonijiet tiegħu għal dawn il-ħlasijiet addizzjonali, u naqas li jipprova liema huma ċ-*charters* li huwa attira lejn il-kumpannija b'tali mod li jistħoqqlu ħlas ta' €27,500 *f'commissions,* meta mill-provi jirriżulta bl-aktar mod ampju li kemm kien ilu fl-impjieg tas-soċjetà appellata l-appellant, il-jott ġiet *chartered* darba waħda biss. Barra minhekk diversi pretensjonijiet oħra li ressaq l-appellant m'huma sorretti mill-ebda prova. Fuq kollox il-Qorti tqis li nġabu diversi provi li juru li l-appellant ma mexiex b'sens ta' lealtà fil-konfront tas-soċjetà appellata, kien involut f'inċident ta' vjolenza domestika abbord il-jott meta bħala kaptan huwa kellu

obbligu jassigura li ma jkunx hemm terzi mhux awtorizzati abbord, u b'mod ġenerali wera li ma riedx jibqa' jokkupa r-rwol ta' kaptan, bl-obbligi fiduċjarji kollha li dan ir-rwol iġib miegħu. Tqis għalhekk li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu wkoll.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**